# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 15

16 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Anthony Attard Deputat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

## 15.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

15.1.1. Il-Viċi Sindku GD ressqet ittra t'apoloġija tas-Sindku DSH li nfurmat li ma setgħetx tattendi minħabba li kienet tinsab ma tiflaħx. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija b'mod unanimu filwaqt li awgura lis-Sindku il-fejqan ta' malajr.

## 15.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

15.2.1. Il-Viċi Sindku GD ressqet il-minuti tat-tlettax (13)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

15.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 13.5.4 li għandha taqra "erbgħin siegħa".

15.2.3. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 13.5.2 li għandha taqra "ser jibgħat ukoll lill-ERA".

15.2.4. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, VB, GD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

15.2.5. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 13.9.3 fejn informa li kien ikkuntattja lill-eks Ministru l-Onor. Joe Mizzi li kien informa li l-Ministeru ma setax jagħmel ix-xogħol imsemmi. Id-DSE qal li kien iltaqa' mal-Perit il-ġurnata ta' qabel dwar ix-xogħol li ser isir fil-bandli. Id-DSE informa wkoll li kien tkellem mas-Sindku li nformatu li għandha titkellem mal-iskola.

15.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 13.2.8 fejn staqsa jekk kienitx intalbet kwotazzjoni biex jinbidlu t-tabelli ta' Triq San Tumas, fejn kien inħaraq l-ark. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur dwar dan.

15.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 13.5.2 u nforma li l-ERA kienu wieġbuh u informawh li d-duħħan li kien ħiereġ mill-cruiseliner irraportat, ma kienx wieħed perikoluż.

15.2.8. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 13.9.5 u ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li jitlob nies taħt l-iskema tal-Community Inclusive Employment li jkunu jistgħu jiġu assenjati maċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V sabiex jitnaqqsu l-atti vandali.

15.2.9. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 13.9.8 u staqsa jekk kienux ġew ordnati l-plattini. Id-DSE ikkonferma li dawn kienu ġew ordnati.

15.2.10. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 13.9.9 u staqsa jekk kienitx ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti tal-ġbir ta' skart goff. Id-DSE ikkonferma li s-sejħa għall-offerti kienet ġiet pubblikata.

15.2.11. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 13.9.17 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-ingaġġ ta' Contracts Manager. Id-DSE qal li ma kellux informazzjoni f'dan ir-rigward iżda għandu jiċċekkja mal-ko-ordinatur tat-tenders sabiex jingħata iktar informazzjoni. Il-Kunsillier VB ġibed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li għadu jrid jinħatar Bord tal-Evalwazzjoni għal din is-sejħa. Id-DSE qal li l-bord suppost jinħatar qabel ma tagħlaq is-sejħa sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni online appena tagħlaq. Huwa qal li għandu jiċċekkja mal-ko-ordinatur sabiex jara jekk jistax jingħata aċċess għal din is-sejħa.

15.2.12. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 13.16.1 u ppropona li tintalab laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani li ġie maħtur ġdid.

15.2.13. Il-Viċi Sindku GD ressqet il-minuti tal-erbatax (14)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

15.2.14. Il-Kunsillier VB ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera JP favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JP, GD, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

15.2.15. Il-Viċi Sindku GD ressqet il-minuti tal-Laqgħa Pubblika. Minħabba li dawn il-minuti ma kienux ġew iċċirkolati qabel, il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu ċċirkulati u jiġu approvati iktar tard.

**Commented [EBB1]:** Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1. Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

## 15.4 Rapporti

15.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 15.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

15.5.1. Id-DSE spjega li jekk ikun hemm xi mistoqsijiet mill-Kunsillieri, dawn għandhom jitressqu qabel il-laqgħa sabiex tkun tista' ssir ir-riċerka neċessarja biex jiġu mwieġba. Il-Kunsill innota dan.

## 15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

15.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

15.7.1. Il-Viċi Sindku GD ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 07/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

15.7.2. Il-Kunsillier JAE informa li kien ser jastjeni minn ċekk nru 17 pagabbli lill-Audio Visual Ltd. minħabba li kien jaħdem mal-kumpanija fil-passat.

15.7.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

15.7.4. Il-Viċi Sindku GD ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Diċembru, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

15.7.4.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 15.8 Mozzjonijiet

15.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 15.9 Offerti

15.9.1. Id-DSE għamel riferenza għas-sejħa għall-offerti għal Contracts Manager u qal li bħalma spjega qabel, ma kienx informat bl-iżvilupp rigward din is-sejħa u ma kienx jaf x'ġara dwar dan. Huwa qal li għandu jivverifika mal-ko-ordinatur tat-tenders dwar dan. Id-DSE żied jgħid ukoll li suppost jinħatar Bord tal-Evalwazzjoni qabel ma tagħlaq is-sejħa għall-offerti iżda minħabba li dan ma sarx, għandu jieħu ħsieb jiċċekkja mas-Sindku sabiex jara x'ġara.

## 15.10 Korrispondenza

### 15.10.1. Korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn talbu li l-Kunsill jorganizza attività b'mod konġunt magħhom billi jieħu ħsieb jipprovdi fire engine għall-festa liturġika ta' San Publju. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom jindikaw f'hiex

tikkonsisti l-ispiża u f'każ li l-Kunsill jaqbel, il-pagament għandu joħroġ direttament lill-kuntrattur li jkun qed jagħti s-servizz.

15.10.2. **Korrispondenza mingħand Parroċċa San Publju**

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand il-Parroċċa San Publju fejn offrew lill-Kunsill jorganizza ħarġa f'Għawdex b'mod konġunt magħhom. Il-Kunsill qabel li għandu joffri l-istess għajnuna bħal fis-snin ta' qabel.

15.10.3. **tħawwil ta' siġar f'Hay Wharf**

Id-DSE spjega li peress li l-Kunsill ma kienx tħalla jħawwel is-siġar maġenb id-Dar tal-Kunsill, dawn kienu ser jitħawwlu f'Hay Wharf. Il-Kunsillier VB qal li kien hemm ukoll xi arbuxelli apparti s-siġar. Il-Kunsillier VB qal li jekk is-siġar jitħawwlu fil-ġonna ta' fuq is-sur, dan kien ser joħloq problemi mar-residenti.

Il-Kunsillier VB qal li kien innota li fir-Rabat kienu ġew installati bankijiet b'tinda. Huwa qal li tali bankijiet setgħu jiġu kunsidrati għal Ġnien Preziosi minħabba l-problema tal-ħmieġ tal-għasafar li hemm. Il-Kunsilliera JP qalet li innotat bankijiet simili f'Ta' Xbiex.

15.10.4. **Korrispondenza mingħand Zone 5**

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand Zone 5 fejn ilmentaw li l-pagament imħallas lilhom mill-Kunsill ma kienx jirrifletti l-ftehim oriġinali. Id-DSE spjega li l-ammont imħallas mill-Kunsill kien l-istess ammont li jidher fuq il-purchase order u skont l-invoice mibgħuta minnhom stess, u għalhekk il-Kunsill kien onora l-pagament skont kif miftiehem.

15.10.5. **Rapport dwar duħħan ta' cruise liner**

Il-Kunsillier JAE informa li l-ERA kienu nformaw li d-duħħan irraportat ma kienx wieħed perikoluż. Id-DSE informa lill-Kunsill b'numru ta' riferenza (5742-2019) mogħti mill-ERA f'każ li l-Kunsill ikun jixtieq ikompli jsegwi dan ir-rapport.

15.10.6. **korrispondenza mill-AKL**

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar permessi biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fi Triq Sant'Anna. Id-DSE spjega li din il-korrispondenza kienet biss notifika u ma kien hemm bżonn li tittieħed l-ebda azzjoni mill-Kunsill.

15.10.7. **Kont ta' servizz ta' trasport**

Id-DSE spjega li kien hemm kwistjoni fuq kont fejn kuntrattur kien bagħat kont ta' servizzi ta' trasport li jmorru lura għall-2018. Huwa qal li kien tkellem mas-Sindku li min-naħa tagħha kienet ikkonfermat dawn is-servizzi u kienet anke bagħtet konferma bil-miktub. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jonora dan il-pagament.

15.10.8. KORRISPONDENZA RIGWARD HEALTH & SAFETY ISSUES

Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand kumpanija li rrapportat siġar li telgħin min ġos-sur kif ukoll bejta taż-żunżan. Il-Kunsill qabel li għandu jqabbad exterminator sabiex jelimina din il-bejta perikoluża. Fir-rigward tas-siġar, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-ERA sabiex jara x'jista' jsir.

15.10.9. TALBA GĦAL PARKEĠĠ RISERVAT GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Il-Kunsillier VB għamel riferenza għal spazju ta' parkeġġ li kien riservat għal persuna b'diżabilità u li issa kienet ġiet nieqsa. Huwa qal li kien hemm proposta biex dan l-ispazju jinbidel għal wieħed personalizzat. Il-Kunsillier VB qal li hu ma jaqbilx u jħoss li tali proposta kienet ser toħloq preċedent. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx u qabel li dan l-ispazju ta' parkeġġ għandu jitħalla miftuħ sabiex jintuża minn dawk kollha li għandhom il-blue badge.

## 15.11 LONDON SCHOOL OF COMMERCE

15.11.1. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għat-talba tal-London School of Commerce u qalet li kienet iltaqgħet magħhom. Hija qalet li kienu ddiskutew il-parkeġġ u esprimiet ix-xewqa tal-Kunsill li l-parkeġġ ma jitneħħiex. Hija qalet li kienet talbithom xi kjarifiċi kif ukoll kopja tar-rapport tar-risk assessment iżda sa dakinhar kien għad ma kellhiex risposta. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat tfakkira.

## 15.12 ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

15.12.1. Id-DSE informa li s-sejħa kienet għalqet il-ġurnata ta' qabel u kienu ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet. Huwa qal li għandu jinforma lis-Segretarja tal-Bord tal-Għażla sabiex tkun tista' tagħmel ir-rapport meħtieġ.

## 15.13 STAFF & EXEC SEC PMPS

15.13.1. Id-DSE ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Performance Appraisal Reports tal-impjegati tal-Kunsill. Wara li ddiskuta dawn ir-rapporti, il-Kunsilliera JP ressqet mozzjoni sabiex jingħata l-massimu ta' 6% lill-impjegati kollha, issekondata mill-Kunsillier JAE. Ittieħed vot favur din il-mozzjoni bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

15.13.2. Id-DSE informa lill-Kunsill li peress li l-performance appraisal tal-eks Segretarju Eżekuttiv jimtela' mis-Sindku, allura dan għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

## 15.14 FOSOS BYE-LAW

15.14.1. Id-DSE għamel riferenza għall-bye-law dwar il-Fosos. Huwa qal li jekk ser tiġi proposta bye-law, huwa importanti li ssir konsultazzjoni u li jintalab il-feedback mhux biss tar-residenti iżda anke ta' dawk li ser jiġu affettwati mill-bye-law. Id-DSE kompla jispjega l-proċedura li trid tiġi segwita biex tkun tista' eventwalment tiġi approvata. Il-Kunsill kien infurmat ukoll b'korrispondenza mibgħuta mid-Diviżjoni Legali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn talbu laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerixxi laqgħa nhar it-28 ta' Jannar 2020.

## 15.15 DRUGS REPORT

15.15.1. Il-Viċi Sindku GD ressqet rapport li rċieva l-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tad-droga f'Malta. Id-DSE qal li dan ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-pubbliku sabiex jinżamm konxju tal-problemi relatati mad-droga f'Malta.

## 15.16 GĦAQAL ID-DAR ĦAJJA AĦJAR

15.16.1. Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza mingħand l-organizzaturi tal-korsijiet Għaqal id-Djar fejn offrew korsijiet ulterjuri b'kontinwazzjoni mal-korsijiet offruti qabel. Il-Kunsill laqa' l-offerta' u qabel li għandu jikkomunika magħhom id-disponibbiltà tal-kamra. Il-Kunsill qabel li tali korsijiet għandhom jibdew wara li jispiċċaw it-talks dwar is-saħħa li qed jinżammu ta' kull ġimgħa u li tali korsijiet għandhom jinżammu matul il-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju.

## 15.17 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

15.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2020 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum** ______________________________________

Davina Sammut Hili
Sindku

Anthony Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Commented [EBB2]:** Mayor or Deputy Mayor's name here?